Kunsill Lokali

Local Council

Ix-Xewkija

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 15**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija**

Il-Kunsill Lokali ix-Xewkija iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq Santa Katerina, Xewkija nhar il-24 ta' Marzu 2025. Il-Laqgha bdiet fl-16:30.

PREŻENTI:

Simona Refalo – Sindku

Josef Charles Hili – Kunsillier

Jeanelle Attard – Kunsillier

George Żammit – Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (skond ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI: Paul Azzopardio – Viċi Sindku

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Andrew Said – Aġent Segretarju Eżekuttiv

Komunikazzjoni mis-Sindku:

Michael Buttiġieġ - Il-Kuntratt ta' Michael Buttiġieġ qatt ma kien ghad-disposizzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill ta qabel kien approva 200 sabiex jigi inkarigat mill- ftuħ tal-latrina ta' Blankas is-Sibt u l-Ħadd. Is-Sindku il-ġdid ma qablitx ma dan peress li Michael qatt ma' seta jippreżżenta rċevuta tax-xogħol. Is-Sindku issuġġeriet illi din is-somma ta' 200 sabiex tinfetaħ il-latrina jiġu mgħoddija lil Għaqda tal-Armar Xewkin. Il-Membri tal-Kunsill qablu unanimament fuq dan is-suġġeriment.

Ġita l-Italja - Sindku stqarret li il-maġġoranza tan-nies li kienu ser jmorru il-ġita ħallsu id-depożitu u kien baqa' xi 4 postijiet. Dawn ser jiġu offruti servizz ta' 'Tour Leader' (SISU Tours) u ser issirilghom laqgħa qabel jitilqu. Prezz huwa ta' 700 'all inclusive'. Minħabba il-qagħdha finanzjarja is-Sinku qalgħet li ma jkunx għaqli li jigi iffinanzjat Membru tal-Kunsill sabiex jmur mal-Grupp. Is-Sa Sindku sejra magħhom Ruma min flusha. Din il-Ġita ser taħbat ma' Festa Frott u is-Sindku għarfet lil sħabha membri li mhux ser tkun tista tattendi.

**15.1.1 Jum l-Omm**

Josef Hili ppropona li għal Jum l' Omm ssir attivita bħas-soltu li tibda b'quddiesa ġewwa il-Kunċizzjoni (Qala), wara Buffet Lunch (set Menu) l-Grand Hotel segwita b'Tombla. Jeanelle Attard issuġġeriet li issir xi ħaġa kulturali wkoll. Din ser ssir fl- 10 ta' Mejju. Transport inkluż u rigal forma ta pjanta jew kikkra kommemorattiva (wara ġbir ta kwotazzjonijiet) issusidjati mil-Kunsill. George Zammit issuġġerixxa li jinġabru 'spot prizes.' Il-Kunsillier Josef ser jerga jaġġorna bil-Programm il-quddiem.

**15.2 Approvazzjoni ta' 'No Entry'** ***(One Ways)***

Approvazzjoni ta' 'No Entries'

Is-Sindku bdiet bi Triq Baqqari li ser tiġi 'no entry' min naħa tal-Kajżelli. Il-mera qed titkisser kull darba skond George Żammit min trakkijiet li jgħaddu min hemm. Jeanelle Attard qalet li jaqblilna li joħorgu mit-triq 'Holy Cross.' Josef Hili qal li intremew 6 tabelli apposta. Hu qal li it-talba kienet mil-entratura tal Kajzelli l' ġewwa. Jeanelle ziedet li trid tiġi 'no entry' għal Holy Cross. George Zammit stqarr li qed jgħaddi individwu traxxnat mgħobbi bil-ħaxix u qed jieħu il-mirja. Josef zied li mhux tal-ħaxix biss jgħaddi imma it-trakkijiet kollha. Is-Sindku żiedet tgħid li hemm problema kbira fi Triq Sant' Indrija. Josef Hili qal li Triq tal-Lewż hija mħarbta. George Żammit issuġġerixxa li l-ewwel tittranġa għax hu tkellem ma' xi nies li jgħaddu min hemm u huma lesti li jgħaddu pero it-triq ħażina. Ser tiġi diskussa fil-laqgħa mal-Ministru.Il-Kunsill ghalhekk qabel li issir 'no entry' fuq barra tal-Kajzelli u mit- triq Holy Cross joħorgu biss. Is-Sa Sindku pproponiet zewġ 'speed humps' tal-konkos fi Triq San Indrija u eżebixxiet il-post fit-triq fejn ser jiġu segwit b'dokument bil-firem tar-residenti, kif wkoll *'double yellow lines'* li ser tressaq quddiem Transport Malta. Il-Kunsillier Josef issuġġerixxa li jitqabbad perit biex ix-xogħol jkun sew. Is-Sindku insistiet li dawn jaqgħu taħt ir-responsabilita ta' TM. Is-Sa Sindku tenniet li teżżisti l-stess problema triq Santa Marija. Il-Kunsiller Hili ġibed l-attenzjoni fejn jsiru l-'speed humps' minħabba il-gallariji. Trid issir tabella ta' 'no entry' oħra mil-BOV l -isfel għax waħda biss baqa. Gie approvat li Triq l-Indipendenza ser tiġi 'no entry' mil-Pjazza l-isfel u Windmill 'no entry' il-fuq. Skond is-Sindku Santa Eliżabetta ser tiġi tista tinżel l-isfel pero ma tikksirx lejn il-lemin direzzjoni lejn l-Mġarr mal-linja tagħhom. Hekk ser jigu evitati inċidenti u hemm triq alternattiva b'Windmill Street. Fejn ta' 'Purfina' tibqa' '2-way' Il-Kunsilliera Attard issuggeriet li sakemm tindara is-sitema jitqabbad Community Policing u Zammit issugeriexa li ssir tabella. Fuq Ċanga Street il-Kunsill qabel li ma ssirx 'no entry' sabiex ma jtellifx kummerċ lil-stabilimenti Xewkin.

**15.3 Mejda ta' l- Appostli**

Mejda tal-Appostli

SR

Chh

Is-Sindku qrat ittra min ghand 'Ghaqda Milied Xewkija' fejn talbu l-ghajnuna ta' €750 ghal- Mejda tal-Appostli. George Zammit issuggerixxa li tinghatha is-somma ta' €200. Il-Kunsill qabel li tingħatha l-stess ammont tas-sena ta' qabel.

**15.4 Reklam ghal fuq il-Ktieb ta' San Gwann Battista**

Reklam ghal fuq il-ktieb ta' San Ġwann Battista

Is-Sindku qrat l-ittra mibgħutha. Is-Sindku mitluba taghmel messaġġ. Ġie maqbul li il-Kunsill jħallas is-somma ta' €90 tar-reklam.

**15.5 Festa Pjanti fil-Hamrija**

Fi żmien Jum l-Omm ser jkun hemm attivita oħra tal-Ħamrija bl-isem 'Festa Pjanti' organiżżata mil-Grupp Organiżżativ tal-Ħamrija. Jaħbat wkoll Plant Protection Day. Ser jsiru xi sessjonijiet informattivi, 'Let's Talk Farming', kif wkoll xi divertiment għat-tfal preżenti. Għal darb' oħra ser tingħatha għajnuna f'dak li jirrigwardja l-'insurance', 'risk assessment' kif wkoll kiri ta' *'sound'* li ma kienx ser jiġi kopert kollhu mil-Kunsill. Is- Sindku saħqet fuq l-importanza li l-attivitajiet jigu koperti min *'insurance'* wara l-incident tal-Presepju ghax dan qabel ma kiex ssir kif suppost. Simona ppreżentat l-istima li maġġor parti tagħha ser tkun koperta mil MAFA. Jeanelle saħħqet fuq il-punt tal-quotations fuq ix-xiri/ kiri ta' servizzi.

**15.6 Festa Frott**

Din l-Attivita ta' *'fundraising'* fil-limiti tal-Gibjun ser ssir fl- 4 ta' Mejju 2025. Is-Sindku ressqet il-proposta jekk il-Kunsilliera jaqblux li l-Kunsill jagħmel tajjeb għal-ispiża ta' 450 għal- 'insurance' u 'risk assesment'. Qablu unanimament. Is-Sa Sindku issuġeriet wkoll li jinxtraw 2 'banners' bl-arma tal Kunsill għal waqt l-attivitajiet. L-spiża mhux suppost tkun kbira. Il-Kunsill qabel fuq dan.

**15.7 Attivitajiet ohra**

Is-Sindku fetħet billi saqsiet jistax issir xi attivita għal-Għid jew xi Beer Fest fis-Sajf. Josef qabel mal-proposta tal-Beer Fest. Il-Kunsilliera issugeriet li napplikaw għal-fondi eliġibli. Is-Sa Sindku tixtieq Band u 2 DJ's ta' Blankas ħa jkun tip ta' 'Earth Garden' u Wine Fest jkun aktar addatat għal-Ġnien il-Ħaddiem. Hili kompla billi qal li il-Beer Fest jkun immirat lejn folla żagħżugħa filwaqt li il-Wine Fest jsir fi Ġnien il-Ħaddiem u b'hekk jintlaqtu il-gosti ta' kulħadd. Ġiet proposta data għax-xahar ta' Awwissu. Is-Sindku ikkonsultat il-Kalendarju tal-Attivitajiet li fihom jkun involut il-Kunsill. Il-Wine Fest gie propost għal-Ottubru.

**15.8 *Performance Bonus***

Il-Kunsillier George Zammit saqsa jekk kienx hemm ta' Mary Haber wkoll. Is-Sindku qalet li Armeni mid- DLG qalet li mhux suppost tiehdu wara telefonata. Jeanelle qalet li din haddiema tal-Kunsill u is-Sindku kellha zball. Is-Sa Sindku qalet inutli il-membri jeħduha magħha. Is-Sindku insistiet li ma ingħathatx direzzjoni ċara. Żammit insista li il-Performance Bonus dejjem kien deċiż fuq prerrogativa tal-Membri tal-Kunsill u Mary dejjem hadithom fil-passat. F'Jannar l-HR talbu għal- Bonus Apprasials ta' Chrismar u ta' Michelle biss. Is-Sindku stqarret li id-DLG saqsew għal kuntratt ta' Mary li ma kienx għad-disposizzjoni tagħha. L-Agent Segretarju Said qal li Armeni qaltlu li kienet intitolata għal- 40E biss u hu saqsa għax forsi għamlet xi żmien fil-posizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv. Is-Sa Sindku tenniet li kienet ssaqsi għal-struzzjonijiet ċari mal-Ufficju tal-HR DLG għax din dejjem ħadtithom fil-passat. Is-Sindku qalet li ġiet dahra mal-ħajt fuq din is-sitwazzjoni meta talbet l-għajnuna kif tinħadem u m'aħniex ningħthaw direzzjoni ċara.

**15.9 Korrispondenza u Ilmenti**

**15.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda ta' Pagamenti**

**15.11 Tmiem tal-Laqgha u data tas-Seduta li jmiss**

Il-Laqgħa spiċċat fis-18:00 u il-laqgħa li jmiss ġiet aġġornata għat- Tlieta 15 t' April fl-16:00

Simona Refalo

(Sindku)

Andrew Said / Heidi Grech

Aġent Segretarju Eżekuttiv